# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 62/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MM**

**Vs**

**RM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MM datat 5 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1987 tas-sena elf disgħa mija sebgħa u tmenin (31/01/1987) ġewwa Malta (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn annessa u immarkata bħala Dokument A;*

*Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment fil-bidu nett tas-sena 2012 fejn il-partijiet isseparaw de facto u għalhekk il-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn 4 snin;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom datat 07 ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (07/02/2013) fl-atti tan-Nutar Dr Christian Masini Vento (kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni hawn annessa u immarkata bħala Dokument B.*

*Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;*

*Illi l-partijiet għadhom sa' llum il-ġurnata ma irrikonċiljawx bejniethom u ma hemm*

*l-ebda tama jew prospett ta' rikonċiljazzjoni fil-futur;*

*Illi r-rikorrenti ħa passi permezz ta' ittra legali lill-intimata sabiex l-partijiet jiftħu dawn il-proċeduri permezz ta' rikors konġunt, iżda l-intimat uriet ix-xewqa li tuża r-rappreżentant legali tagħha u għalhekk ir-rikorrenti fetaħ dawn il-proċeduri;*

*Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn imsemmija ir-rikorrenti umilment jitlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet li żżewwġu fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 1987 tas-sena elf disgħa mija sebgħa u tmenin ( 31//01/1987) maħlul għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ai termini tal-Artikolu 66 A (1) Kapitolu 16;*

2. *Tordna lir-Reġistru tal-Qorti sabiex fi żmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-patijiet biex jiġi reġistrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RM datata 18 ta' Marzu 2019 a fol 15, li taqra hekk:

1. *Illi permezz tagħha qiegħda taqbel mat-talba tal-attur.*

2. *Illi hi ma għandhiex tbati spejjeż għax din għażla tiegħu u l-esponenti ma għandhiex interess fid-divorzju.*

3. *Dawn huma spejjez zejda, speċjalment peress li hi ma taħdimx.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MM** xehed bil-ġurament (fol 17) illi huwa izzewweġ lil RM fil-31 ta' Jannar 1987 u li minn dan iz-zwieġ twieldu erbat itfal, tlieta maġġorenni u wieħed ghadda ghall-hajja ohra. Illi iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' Frar 2013. Illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni 'l hawn, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni u lanqas hemm tama ghall-istess. Illi manteniment pendenti ma hemmx stante li l-ulied huma kollha maġġorenni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Jannar 1987 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat tfal, tlieta maġgorenni u wieħed ghadda ghal hajja ohra;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento, datat 7 ta' Frar 2013 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**